## Kelmtejn minn Fr Krystof L-Amministratur Parrokkjali

Nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju l-komunità tagħna tiċċelebra anniversarju ieħor: dak tad-dedikazzjoni tal-knisja tagħna li fiha ninġabru kuljum għat-talb. Dakinhar (157 sena ilu) fl-1867 kien ġie l-Amministratur Appostoliku t'Għawdex l-Isqof Paolo Micallef u quddiem il-komunità kollha, magħquda mal-kappillan Dun Giovanni Battista Grech, dilek l-altar u l-kolonni tal-knisja biż-żejt imqaddes tal-Griżma, inċensa l-maqdes kollu bil-fwieħa, u sebbħu bid-dwal tax-xemgħa.
Dakinhar il-knisja tagħna ġiet ikkonsagrata, jiġifieri din il-binja b'mod permanenti ġiet iddestinata sabiex isservi għall-qima ta' Alla, u hekk saret il-post, fejn Alla u l-bniedem jistgħu jiltaqgħu; dar li tlaqqagħna bejnietna, fejn ninġibdu lejn Alla, u aktar ma noqogħdu miegħu, aktar ningħaqdu ma' xulxin.
Dan l-avveniment għażiż aħna ser niċċelebrawh nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju permezz ta' Konċelebrazzjoni Solenni fis-6.00pm. Imma kemm ikun aktar ta' ġid li kieku nkomplu nimlew dan il-post għażiż għalina bit-talb tagħna. Jalla l-Knisja tagħna tkompli tisbieħ b'uċuħ ġodda li flimkien ma' dawk iktar familjari, jingħaqdu u jfittxu ftit tal-kenn mill-istorbju t'hemm barra sabiex jistrieħu ma' Alla bejn dawn l-erba' ħitan ta' din id-dar qaddisa tagħna.

*Awguri lill-ommijiet kollha fil-ium iddedikat għalihom!*



## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am

## AVVIŻI:

**IL-KOR TAŻ-ŻGĦAŻAGĦ U T-TFAL:** Nixtiequ nsebbħu l-Knisja tagħna b'ħafna ilħna ġodda! Ejjew magħna, nhar is-Sibt 11 ta' Mejju, fin-12.30pm, fiċ-Ċentru Parrokkjali sabiex nibdew il-provi għall-quddies tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof. Jistgħu jipparteċipaw tfal minn year 3 'il fuq. Inħeġġukom biex tattendu għall-provi.

**QUDDIESA GĦALL-ANZJANI ĠEWWA TA' PINU:** Fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm, nhar il-Ħadd 12 ta' Mejju, is-sezzjoni għall-Anzjani fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser torganizza Quddiesa fis-Santwarju Ta' Pinu għall-anzjani tagħna. Ser ikun hemm trasport b'xejn minn ħdejn l-iskola Primarja (fi Triq it-Tiġrija) u minn San Blas fid-9:15am.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju fil-5:30pm, ħdejn il-pitch tal-boċċi, f'San Blas. Inkomplu bit-talb għall-paċi fid-dinja u intenzjonijiet oħra. Kulħadd mistieden.

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 15 ta' Mejju, fil-knisja Bażilika tan-Nadur. Il-laqgħa se titmexxa mill-Kan. D. Reuben Micallef u fiha Eddie Vella, ex futboler u ex kowċ ser ikellimna fuq l-esperjenza u l-konoxxenza tiegħu ta' Dun Mikiel. Tibda fis-6:15pm. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *Mnarjalive*.

**L-GĦAQDA DUN FRANĠISK GRIMA:** tavża li nhar il-Ħamis 16 ta' Mejju se jmorru għal ikla ta' nofsinhar. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fil-11:30am. Dettalji aktar 'il quddiem.
Li nhar l-Erbgħs 22 ta' Mejju se ssir Quddiesa ta' Sta Rita fil-knisja ta' Sant Wistin. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9:30am.
Ċemplu lil Tonina 79923153 jew lil Ġuża 99228906.

**PARTEĊIPAZZJONI FIL-VELJA TA' PENTEKOSTE:** Nhar is-Sibt 18 ta' Mejju fit-8:00pm nixtiequ ningħaqdu mad-djoċesi kollha flimkien mal-Isqof tagħna u n-Nunzju Appostoliku ta' Malta għall-Velja ta' Pentekoste ġewwa s-Santwarju Ta' Pinu. Min jixtieq jinqeda bit-trasport tagħna, jista' jċempel l-Uffiċċju Parrokkjali biex jirriserva post. Nitilqu mill-Pjazza fis-7:15pm.

**KLABB TAS-SAJF FL-ORATORJU DON BOSCO:** Fix-xhur tas-sajf Lulju u Awwissu, it-Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa, bejn id-9:00am u 12:00pm, għat-tfal ta' età bejn 4 u 13-il sena, l-Oratorju ser jorganizza diversi attivitajiet: talb, arti, mużika, drama, ħarġiet kulturali u sports. Applikaw sal-aħħar tax-xahar fuq:
*donboscogozo.org*